# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **137/2020**

**ANNABELLE CORDINA SCIBERRAS**
[K.I. NRU. 62787M]

***VERSUS***

**STEPHEN MUSCAT**
[K.I. NRU. 349676M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-1 ta' Lulju, 2020 fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbghat'elef, tmien mija u sittin ewro (€4,860.00c) u dan wara li esponiet hekk:

> Ir-rikorrenti Anabelle Cordina Sciberras qed titlob li jigi onorat id-digriet (Rik. Nru. 131/12/RGM) li nghata fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013 hekk kif deciz mill-Onorabbli Qorti in kwantu l-manteniment dovut lejn it-tifel taghha mill-istess relazzjoni ma' Stephen Muscat.
>
> l-istess Muscat ilu jonqos milli jghaddi dan il-manteniment ta' €180 fix-xahar minn Novembru ta' l-2017, hlief ghal tliet pagamenti li gew versati bejn Lulju u Settembru ta' l-2018. F'dan il-perjodu msemmi, il-manteniment ma' nghatax ghal sebgha u ghoxrin darba cioè jammonta ghal (€4,860.00c) erbghat'elef, tmien mija u sittin ewro, tali manteniment, ghandu jizdied mieghu l-indici tal-gholi tal-hajja kull sena li tghaddi. Is-sur Muscat gie notifikat mill-istess rikorrenti permezz ta' ittra biex jonora dan il-manteniment u sarulu diversi telefonati biex jigi mfakkar dan, izda kien kollu ta' xejn.
>
> Illi allura minkejja li Stephen Muscat gie interpellat diversi drabi sabiex jirregola ruhu, qatt ma ghamel dan.
>
> Qed jigu wkoll annessi id-dokumenti Dok ACS1 u Dok ACS2.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet mid-data hawn imsemmija inkluz ukoll l-ispejjez ta' l-istess ittra mibghuta.

Ra li għad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-liġi għal dan il-għan u lanqas ma deher xi rappreżentant tiegħu (jew xi difensur għalih) għas-smigħ ta' dan il-proċediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla ħsara għal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Għandu jiżgura li kaz għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom japplikaw mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din iċ-ċitata disposizzjoni, jidher li hija mħollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawża jew le għal ġurnata oħra sabiex jisma' lill-parti mħarrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-każ preżenti, u hekk kif reġistrat fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2020 (*a fol*. 16), il-konvenut ġie debitament notifikata bl-atti processwali nhar it-30 ta' Settembru, 2020 (ara riferta pożittiva *a tergo* ta' *fol*. 14). Ċionostanti tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tgħid il-liġi u lanqas ma deher xi rappreżentant tiegħu quddiem it-Tribunal fl-udjenza appena msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rappreżentant legali tiegħu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiża attriċi f'tali udjenzi susseġwenti, b'dik tal-llum kompriża. Tali konvenut, għalhekk, kien ġie dikjarat fi stat ta' kontumaċja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2020.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dokumentazzjoni annessa ma' l-atti promotturi (senjatament dik eżebita *a foll*. 2–9 u *a fol*. 15). Minn tali dokumentazzjoni hekk eżibita jirriżulta illi l-pretiża attriċi titnissel minn ordnijiet ġudizzjarji emessi mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), senjatament abbażi ta' dak espress fid-dispożittiv tas-sentenza datata 20 ta' Ġunju, 2013 fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas manteniment

lill-iben il-kontendenti fl-ammont u bil-modalitajiet hemmehk kontemplati. Dan l-obbligu ta' hlas ta' manteniment gie kkomunikat mill-attrici lill-konvenut b'ittra legali datata 17 ta' Lulju, 2019, izda jidher illi l-konvenut baqa' dejjem passiv u inadempjenti.

Fl-udjenza datata 28 ta' Ottubru, 2020 l-attrici kienet, bil-gurament taghha, irregistrat hekk: "*Xehdet l-Attrici Annabelle Cordina Siberras illi bil-gurament taghha, wara li rat il-kontenut tal-Avviz tat-Talba, ikkonfermatu bil-gurament u kif ukoll ikkonfermat l-ammont ta' EUR4860 u formalment ikkofermat ukoll illi dan l-ammont ghadu dovut fl-interezza tieghu u li l-ebda pagament akkont ma sar mill-Konvenut lilha minn mindu infethu dawn il-proceduri sal-gurnata prezenti*."

L-istat kontumacjali tal-konvenut ma tissarrafx f'ammissjoni tal-pretiza rivolta kontrih. Dan huwa hekk l'ghaliex il-kontumacja ma tammontax ghall-accettazjoni tat-talbiet attrici.[1] Dan it-Tribunal dahal fil-kwezit tal-kontumacja u din ezattament xi tfisser fid-decizjonijiet tieghu *in re* **Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. Khadar Qaasim Abdi** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017), *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019) u dik *in re* **GasanMamo Insurance Ltd et v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 20 ta' Jannar, 2020) u ghalhekk m'hemmx htiega ta' esposizzjoni dettaljata dwarha. Semplici referenza ghat-tematika kif esposta u deskritta f'tali decizjonijiet hija sufficjenti. Madanakollu, f'dan il-kaz l-attrici sejjset l-allegazzjonijiet taghha fuq provi idoneji u ta' natura oggettiva u hi stess ikkonfermat il-pretensjoni taghha bil-gurament taghha *seduta stante*. Fid-dawl ta' dan, l-opposizzjoni siekta tal-konvenut giet kontradetta u newtralizzata bl-evidenza sottomessa mill-attrici.

Fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier [u anke kunsidrat dak li jrid u jghid l-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta], ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallasha s-somma ta' erbghat'elef, tmien mija u sittin ewro (€4,860.00c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-

[1] Ara per ezempju, u fost diversi ohra, *in re* **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe** (Appell Civili, 27 ta' Marzu, 1996); **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono** (Appell Civili, 7 ta' Novembru, 1997); u **Blye Engineering Co. Ltd v. Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** (Appell Civili, 22 ta' Gunju, 2005).

ammont jibdew jiddekorru mid-data tat-30 ta' Settembru, 2020 (data tan-notifika lill-konvenut tal-prezenti kawza[2]) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-att promotur (ghajr ghall-ittra legali[3]), huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*

[2] Mill-evidenza sottomessa, huwa f'tali data illi l-konvenut gie mpoggi *in mora* dwar il-prezenti kwistjoni. Xejn fl-inkartament processwali ma jindika illi sehh att gudizzjarju pertinenti qabel din il-kawza li kellu effett legali li jpoggi lill-konvenut bhala debitur moruz di fronti ghall-attrici.
[3] Ma tressqet l-ebda prova dwar l-ispejjez inkorsi mill-attrici dwar tali ittra legali.